

21972A0722(05)

31.12.1972

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 301/2

FTEHIM**bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda**

IL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

minn naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TA' L-ISLANDA

minn naħa l-oħra,

MIXTIEQA li jikkonsolidaw u jestendu, mat-tkabbir tal-Komunità Ekonomika Ewropea, ir-relazzjonijiet ekonomiċi eżistenti bejn il-Komunità u l-Islanda u sabiex jassiguraw, b'qies xieraq għal kondizzjonijiet ġusti tal-kompetizzjoni, l-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ tagħhom għall-iskop li jikkontribwixxi għax-xogħol tal-kostruzzjoni ta' l-Ewropa,

JIRRISOLVU għal dan il-għan li jeliminaw progressivament l-ostakoli fuq sostanzjalment il-kummerċ kollu tagħhom, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' żoni ta' kummerċ ħieles,

JIDDIKJARAW li huma lesti li jeżaminaw, fid-dawl ta' xi fattur rilevanti, u partikolarment tal-iżviluppi fil-Komunità, il-possibbiltà ta' żviluppi u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet tagħhom meta jkun jidher li huwa utili għall-interessi ta' l-ekonomiji tagħhom sabiex jestenduhom għall-oqsma mhux koperti b'dan il-Ftehim,

IDDEĊIDEW, b'segwiment ta' dawn l-oġettivi u meta jkun meqjus li l-ebda dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim ma tista tkun interpretata bħala li teżenta lill-Partijiet Kontraenti mill-obligazzjonijiet li huma mposti fuqhom permezz ta' ftehim internazzjonali oħrajn,

LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:

*Artikolu 1**Artikolu 2*

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa:

(a) li jippromwovi permezz ta' l-espansjoni tal-kummerċ reċiproku l-iżvilupp armonjuż tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u b'hekk aktar iħeġġeġ fil-Komunità u fl-Islanda l-avvanz ta' attivita ekonomika, it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-għixien u ta' l-impiegi, żieda fil-produttività u l-istabbilita finanzjarja,

(b) li jipprovdni kondizzjonijiet ġusti għal kompetizzjoni fil-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti,

(c) biex jikkontribwixxi b'dan il-mod, it-tneħija ta' barrieri għall-kummerċ, għall-iżvilupp armonjuż u l-espansjoni tal-kummerċ dinji.

Dan il-Ftehim għandu japplika għal prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fl-Islanda:

- (i) li jidħlu taħt il-Kapitoli 25 sa 99 tan-Nomenklatura ta' Brusel, esklużi l-prodotti elenkati fl-Anness I;
- (ii) li huma speċifikati fil-Protokoll Nru 2 u 6, b'attenzjoni partikolari għal-arranġamenti li hemm provvedimenti dwarhom f'dawk il-Protokoll.

Artikolu 3

1. L'ebda dazju doganali ġdid fuq l-importazzjoni m'għandu jkun introdott fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda.

2. Il-Komunità kif oriġinalment kostitwita u l-Islanda għandhom progressivament jabolixxu d-dazji doganali fuq l-importazzjoni b'konformità ma din it-tabella ta' żmien kif ġeja:

(a) fl-1 ta' April 1973 kull dazju għandu jkun imnaqqas għal 80 % tad-dazju bażiku;

(b) erba tnaqqis ieħor ta' 20 % il-wieħed għandu jsir nhar il-

1 ta' Jannar 1974,

1 ta' Jannar 1975;

1 ta' Jannar 1976;

fl-1 ta' Lulju 1977.

3. Id-dazju bażiku li fuqu t-tnaqqis suċċessivi li hemm provvediment dwaru f'dan l-Artikolu u fil-Protokoll Nru 1 għandhom ikunu applikati, għal kull prodott, għandu jkun id-dazju attwalment applikat fl-1 ta' Jannar 1972.

Jekk, wara l-1 ta' Jannar 1972, xi tnaqqis ta' tariffi li jirriżultaw minn ftehim ta' tariffi konklużi bħala riżultat tal-Konferenza tal-Kummerċ miżmuma f'Ġinevra mill-1964 sal-1967 isir applikabbli, tnaqqis ta' dazju bħal dan għandu jibdel id-dazji bażiċi referuti fis-subparagrafu preċedenti.

Dmirijiet Bażiċi	2	4	5	10	12	15	20	25	30	35	40	50	60	65	70	75	80	90	100
fl-1 ta' April 1973.	2	4	4	7	8	11	14	18	21	25	30	35	40	45	50	55	55	65	70
fl-1 ta' Jannar 1974.	0	3	3	6	7	9	12	15	18	21	24	30	35	40	40	45	50	55	60
fl-1 ta' Jannar 1975.	0	3	3	5	6	7	10	13	15	17	20	25	30	30	35	35	40	45	50
fl-1 ta' Jannar 1976.	0	2	2	4	5	6	8	10	12	14	16	20	24	25	30	30	30	35	40
fl-1 ta' Jannar 1977.	0	2	2	3	4	4	6	7	9	10	12	15	18	20	21	22	25	25	30
fl-1 ta' Jannar 1978.	0	0	0	2	2	3	4	5	6	7	8	10	12	13	14	15	16	18	20
fl-1 ta' Jannar 1979.	0	0	0	2	2	2	2	2	3	3	4	5	6	6	7	7	8	9	10
fl-1 ta' Jannar 1980.	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0

2. Wara l-1 ta' Jannar 1974 l-Islanda għandha tibqa tnaqqas id-dazji doganali fir-rigward tad-Danimarka, n-Norveġja u r-Renju Unit b'konformità mat-tabella ta' żmien mhurija fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

1. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-abolizzjoni progressiva tad-dazju doganali fuq l-importazzjoni għandhom japplikaw ukoll għad-dazji doganali ta' natura fiskali.

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jibdlu d-dazju doganali ta' natura fiskali jew l-element fiskali ta' dazju doganali b'taxxa nterna.

2. L-Islanda tista temporanjament iżżomm, b'attenzjoni xierqa għall-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 19, id-dazji doganali ta' natura fiskali fuq il-prodotti speċifikati fl-Anness II.

4. Id-dazji mnaqqsa kkalkolati b'konformità ma dan l-Artikolu u l-Protokoll Nru 1 għandhom ikunu applikati mqarriba lejn l-ewwel punt deċimali.

Suġġett għall-applikazzjoni mill-Komunità ta' l-Artikolu 39(5) ta' l-Att li jikkonċerna l-Kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati" imħejjija u adottati fil-Konferenza bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, f'dak li jirrigwarda d-dazji speċifiċi jew il-parti speċifika tad-dazji mħallta fit-Tariffa Doganali Irlandiża, dan l-Artikolu u l-Protokoll Nru 1 għandhom ikunu applikati, mqarriba lejn ir-raba' punt deċimali.

Artikolu 4

1. Fid-dati indikati, l-Islanda għandha tnaqqas id-dazji doganali fuq l-importazzjoni mill-Komunità kif oriġinalment kostitwita u mill-Irlanda tar-rati tal-varji dazji bażiċi applikabbli fl-1 ta' Marzu 1970 kif speċifikat hawn taħt.

Meta l-produzzjoni hija mibdija fl-Islanda ta' prodott tat-tip ta' wieħed minn daww elenkati fl-Anness II, id-dazju li għalih dan il-prodott ikun suġġett għandu jkun imnaqqas għal-livell li kieku kien ikun milħuq jekk dak id-dazju kellu jkun imnaqqas bi qbil mat-tabella ta' żmien li tinsab fl-Artikolu 4(1) sa mid-dħul b'effett ta' dan il-Ftehim. Jekk fir-rigward ta' pajjiżi terzi dazju doganali aktar baxx milli mid-dazju ta' natura fiskali jkun introdott, it-tnaqqis tat-tariffi għandu jseħħ fuq il-bażi tad-dazju preċedenti.

Tnaqqis sussegwenti għandu jsir b'konformità mat-tabella ta' żmien kif stabbilita fl-Artikolu 4(1).

3. Id-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit jistgħu iżommu sa l-1 ta' Jannar 1976 dazju doganali ta' natura fiskali jew l-element fiskali ta' dazju doganali fil-każ ta' l-implementazzjoni ta' l-Artikolu 38 ta' "l-Att li jikkonċerna l-Kondizzjoni ta' l-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati" imħejjija u adottati fil-

Konferenza bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju Magħqud tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Artikolu 6

1. L-ebda impost ġdid b'effett ekwivalenti ta' dazju doganali fuq l-importazzjoni m'għandu jkun introdott fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda.

2. Imposti li jkollhom effett ekwivalenti għal dazji doganali fuq l-importazzjoni introdotti nhar il-; jew wara l-1 ta' Jannar 1972 fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda għandhom ikunu aboliti mad-dħul b'effett ta' dan il-Ftehim.

Xi impost li jkollu effett ekwivalenti għal dazju doganali fuq l-importazzjoni, li r-rata tiegħu fil-31 ta' Diċembru 1972 hija għola minn dik attwalment applikata fl-1 ta' Jannar 1972 għandu jkun imnaqqas lejn din ir-rata ta' l-aħħar mad-dħul b'effett ta' dan il-Ftehim.

3. L-imposti li jkollhom effett ekwivalenti għal dazji doganali fuq l-importazzjoni għandhom progressivament ikunu aboliti b'konformità ma din it-tabella ta' żmien kif ġej:

(a) sa l-1 ta' Jannar 1974 l-aktar tard għal kull impost għandu jkun imnaqqas għal 60 % tar-rata applikata fl-1 ta' Jannar 1972;

(b) tlett tnaqqis ieħor ta' 20 % il-wieħed għandu jsir nhar il-:

1 ta' Jannar 1975;

1 ta' Jannar 1976;

fl-1 ta' Lulju 1977.

Artikolu 7

1. L-ebda dazju doganali fuq l-importazzjoni jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti m'għandhom ikunu ntrodotti fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda.

Id-dazji doganali fuq l-esportazzjoni u l-imposti li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu aboliti mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1974.

2. L-Islanda tista żżomm is-sistema ta' levy fuq l-esportazzjoni għal prodotti tal-ħut applikabbi fl-1 ta' Jannar 1972, li huma elenkati fl-Anness III.

Xi tibdil m'għandux jibdel il-karattru jew l-għanijiet tas-sistema. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun innotifikat bil-quddiem b'xi tibdiliet.

Artikolu 8

Il-Protokoll Nru 1 jistabbilixxi t-trattament u l-arranġamenti tat-tariffi applikabbi għal ċerti prodotti.

Artikolu 9

Il-Protokoll Nru 2 jistabbilixxi t-trattament u l-arranġamenti tat-tariffi applikabbi għal ċerti oġġetti akwistati bl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

Artikolu 10

1. Fil-każ ta' regoli speċifiċi li jkunu stabbiliti bħala riżultat ta' l-implementazzjoni tal-istrateġija agrikola tagħha jew xi alterazzjoni tar-regoli preżenti, il-Parti Kontraenti f'dan il-każ tista tadotta l-arranġamenti li jirriżultaw minn dan il-Ftehim fir-rigward tal-prodotti li huma suġġetti għal dawk ir-regoli jew l-alterazzjonijiet.

2. F'każi bħal dawn il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tieħu akkont xieraq ta' l-interessi tal-Parti Kontraenti l-oħra. Għal dan il-għan il-Partijiet Kontraenti jistgħu jikkonsultaw bejniethom fi ħdan il-Kumitat Konġunt li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 30.

Artikolu 11

Il-Protokoll Nru 3 jistabbilixxi r-regoli ta' l-oriġini.

Artikolu 12

Parti Kontraenti li tkun tikkunsidra t-tnaqqis fil-livell effettiv tad-dazji tagħha jew tal-imposti li jkollhom effett ekwivalenti applikabbi fuq pajjiżi terzi li jibbenefikaw mit-trattament tan-nazzjon l-aktar favorit, jew li tkun tikkunsidra s-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tagħhom, għandha, sakemm dan ikun Prattikabbi, tinnotifika lill-Kumitat Konġunt mhux anqas minn tletin jum qabel dan it-tnaqqis jew sospensjoni jidħlu b'effett. Għandha tieħu nota ta' xi rapreżentazzjonijiet mill-Parti Kontraenti l-oħra rigward xi tgħawwiġ li jista jirriżulta minnhom.

Artikolu 13

1. L-ebda restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda fuq l-importazzjoni jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti m'għandhom ikunu ntrodotti fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda.

2. Il-Komunità għandha tabolixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni mill-1 ta' Jannar 1973 u xi miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1975.

L-Islanda għandha tabolixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u xi miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1975.

Artikolu 14

1. Il-Komunità tirriserva d-dritt li timmodifika l-arranġamenti applikabbli għall-prodotti tal-petroleum li jidħlu taħt l-intestaturi Nri 27.10, 27.11, 27.12, ex 27.13 (xemgħa tal-parafin, xemgħa mikro-kristallina, xaħx tal-qatran u xemgħat minerali oħrajn) u 27.14 tan-Nomenklatura ta' Brussel dwar l-adozzjoni ta' definizzjoni komuni ta' l-orìġini għal prodotti tal-petroleum, ma l-adozzjoni ta' deċizzjonijiet permezz tal-istrateġija kummerċjali komuni għal prodotti f'dan il-każ jew ma l-istabbiliment ta' strateġija komuni ta' l-enerġija.

F'dan il-każ il-Komunità għandha tiegħu akkont xieraq ta' l-interessi ta' l-Islanda; għal dan il-għan hi għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt, li għandu jiltaqa skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32.

2. L-Islanda tirriserva d-dritt li tiegħu azzjoni simili jekk hi tkun iffaċċjata b'sitwazzjonijiet bħal dawn.

3. Suġġett għall-paragrafi 1 u 2, il-Ftehim m'għandux jippreġudika r-regoli mhux-tat-tariffi applikati għall-importazzjoni ta' prodotti tal-petroleum.

Artikolu 15

1. Il-Partijiet Kontraenti jiddikjaraw li huma lesti li jħeġġu, sakemm l-istrateġija agrikola tagħhom tippermetti, l-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli li dwarhom il-Ftehim mhux applikabbli.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw ir-regoli tagħhom fil-materji veterinarji, is-saħħa u s-saħħa tal-pjanti d'mod mhux diskriminatorju u m'għandhomx jintroduċu xi miżuri ġodda li jkollhom l-effett mhux meħtieġ li jostakolaw il-kummerċ.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jeżaminaw, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33, xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fil-kummerċ tagħhom fil-prodotti agrikoli u għandhom jagħmlu sforz sabiex ifittxu soluzzjonijiet xierqa.

Artikolu 16

Mill-1 ta' Lulju 1977 il-prodotti li joriġinaw fl-Islanda ma jistgħux igawdu trattament aktar favorevoli meta jkun importati fil-Komunità milli minn daww applikati mill-Istati Membri tal-Komunità bejniethom infushom.

Artikolu 17

Il-Protokoll Nru 6 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħut fil-Komunità.

Artikolu 18

Il-Ftehim m'għandux jipprekludi l-manteniment jew l-istabbiliment ta' unjonijiet doganali, żoni ta' kummerċ ħieles jew arranġamenti għal kummerċ fil-fruntieri, apparti milli meta dawn jibdlu l-arranġamenti għall-kummerċ li hemm provvediment dwarhom f'dan il-Ftehim, partikolarment id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-regoli ta' l-orìġini.

Artikolu 19

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jibqgħu lura minn xi miżuri jew prattiċi ta' natura fiskali interna li jistabbilixxu, kemm direttament jew indirettament, diskriminazzjoni bejn il-Prodotti ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti u prodotti simili li joriġinaw fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra.

Il-prodotti esportati lejn it-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti ma jistgħux jibbenefikaw mir-rifużjoni ta' tassazzjoni nterna fe'ċċess ta' ammont ta' tassazzjoni diretta jew indiretta imposta fuqhom.

Artikolu 20

Pagamenti li jirrigwardaw il-kummerċ f'oġġetti u t-trasferiment ta' pagamenti bħal daww lejn Stat Membru tal-Komunità li fih il-kreditur ikun residenti jew lejn l-Islanda għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe restrizzjoni.

Artikolu 21

Il-Ftehim ma għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-transitu ta' oġġetti ġġustifikati fuq prinċipji ta' moralità pubblika, strateġija pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ħajja ta' persuni, annimali jew pjanti; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li huma ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni tal-proprietà industrijali jew kummerċjali, jew ir-regoli li jirrigwardaw id-deheb jew il-fidda. Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet bħal dawn ma għandhomx, b'dana kollu,

jikkostitwixxu xi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni travestita fil-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 22

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jfixkel lil xi Parti Kontraenti milli tieħu kwalunkwe miżura:

- (a) li hi tikkonsidra bħala meħtieġa ħalli ma tħallix l-iżvelar ta' informazzjoni kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà;
- (b) li jirrigwardaw il-kummerċ fl-armi, munizzjon jew materjali tal-gwerra jew tar-riċerka, l-iżvilupp jew il-produzzjoni li huma ndispensabbli għal skopijiet ta' difiża, basta li miżuri bħal dawn ma jfixklux il-kondizzjonijiet tal-kummerċ fir-rigward ta' prodotti mhux intiżi għal skopijiet militari speċifiċi;
- (ċ) li hija tikkonsidra bħala essenzjali għas-sigurtà tagħha fi żmien ta' gwerra jew ta' tenzjoni internazzjonali serja.

Artikolu 23

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jibqgħu lura minn xi miżuri li pjuttost li jipperikolaw it-twertieq ta' l-oġettivi ta' dan il-Ftehim.
2. Huma għandhom jieħdu l-miżuri ġenerali jew speċifiċi meħtieġa għat-twertieq ta' l-obligazzjonijiet tagħhom permezz tal-Ftehim.

Jekk kwalunkwe Parti Kontraenti tikkonsidra li l-Parti Kontraenti l-oħra tkun naqset milli twettaq obligazzjoni permess tal-Ftehim, din tista tieħu l-miżuri xierqa permezz tal-kondizzjonijiet u b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 28.

Artikolu 24

1. Dawn li ġejjin huma inkompatibbli mal-funzjonament xieraq tal-Ftehim sa kemm dawn jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Komunità u l-Islanda:
 - (i) il-ftehim kollu bejn l-impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki kkonċernati bejn impriżi li għandhom bħala l-oġettiv tagħhom jew li jimponu l-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew it-tgħawwiġ ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-produzzjoni jew fil-kummerċ ta' oġġetti;
 - (ii) abbuż minn waħda jew aktar impriżi ta' pożizzjoni dominanti fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti fuq bażi globali jew fuq parti sostanzjali tagħhom;

(iii) xi għajjnuna pubblika li tghawwieg jew thedded li tghawwieg il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

2. Jekk Parti Kontraenti tikkonsidra li xi prattika partikolari hija nkompatibbli ma dan l-Artikolu, din tista tieħu l-miżuri xierqa permezz tal-kondizzjonijiet u b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 28.

Artikolu 25

Meta żieda fl-importazzjoni ta' prodott partikolari tkun, jew aktarx li tkun ta' detriment serju għal xi attività tal-produzzjoni mwettqa fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti u meta din iż-żieda tkun dovuta għal:

- (i) tnaqqis parzjali jew totali fil-Parti Kontraenti li timporta, kif hemm provvediment dwar dan fil-Ftehim, id-dazji doganali jew l-imposti li jkollhom effett ekwivalenti intaxxati fuq il-prodott f'dan il-każ; u
- (ii) il-fatt li d-dazji jew l-imposti li jkollhom effett ekwivalenti intaxxati mill-Parti Kontraenti li tesporta fuq l-importazzjoni ta' materja prima jew fuq prodotti intermedji użati fil-manifattura tal-prodott f'dan il-każ ikunu sinifikament aktar baxxi mid-dazji korrespondenti jew l-imposti ntaxxati mill-Parti Kontraenti li timporta;

il-Parti Kontraenti kkonċernata tista tieħu l-miżuri xierqa permezz tal-kondizzjonijiet u b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 28.

Artikolu 26

Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti issib li dumping ikun iseħħ fil-kummerċ mal-Parti Kontraenti l-oħra, din tista tieħu l-miżuri xierqa kontra din il-prattika b'konformità mal-Ftehim dwar l-Implementazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, permezz tal-kondizzjonijiet u b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 28.

Artikolu 27

Jekk disturbi serji jinħolqu f'xi settur ta' l-ekonomija jew jekk diffikultajiet jinħolqu li jistgħu jwasslu għal deterjorazzjoni serja

fis-sitwazzjoni ekonomika ta' reġjun, il-Parti Kontraenti kkonċernata tista tieħu l-miżuri xierqa permezz tal-kondizzjonijiet u b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 28.

Artikolu 28

1. Fil-każ li Parti Kontraenti tissuġġetta l-importazzjoni ta' prodott li aktarx li joħloq id-diffikultajiet referuti fl-Artikoli 25 u 27 għal proċedura amministrattiva, li l-iskop tagħha jkun jip-provdi informazzjoni mħaffa dwar it-tendenza tan-nixxija tal-kummerċ, din għandha tinforma lill-Parti Kontraenti l-oħra.

2. Fil-każi speċifikati fl-Artikoli 23 sa 27, qabel ma tieħu l-miżuri li hemm provvediment dwarhom fihom, jew, fil-każi li dwarhom il-paragrafu 3 (d) huwa applikabbli, malli jkun possibbli, il-Parti Kontraenti f'dan il-każ għandha tforni lill-Kumitat Konġunt bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għal eżami profond tas-sitwazzjoni bil-għan li tfittex soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet Kontraenti.

Fil-għażla ta' miżuri, għandha tingħata prijorità lil dawk li l-anqas li joħolqu disturb fil-funzjonament tal-Ftehim.

Il-miżuri ta' salvagward għandhom ikunu nnotifikati mmedjetament lejn il-Kumitat Konġunt u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kumitat, partikolarment in vista ta' l-abolizzjoni tagħhom malli ċ-ċirkostanzi jippermettu.

3. Għall-implementazzjoni tal-paragrafu 2, dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) F'dak li jirrigwardja l-Artikolu 24, kwalunkwe Parti Kontraenti tista tirreferi l-materja lill-Kumitat Konġunt jekk hija tikkonsidra li xi Prattika partikolari tkun inkompatibbli mal-funzjonar xieraq tal-Ftehim fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 24(1).

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lill-Kumitat Konġunt bl-informazzjoni rilevanti kollha u għandhom jagħtu l-għajjnuna li jkun jeħtieġ sabiex jeżamina il-każ u, meta xieraq, sabiex jelimina l-prattika li jkun hemm oġġezzjoni għaliha.

Jekk il-Parti Kontraenti f'dan il-każ tonqos milli ttemm il-prattika li jkun hemm oġġezzjoni dwarha matul il-perjodu stabbilit mill-Kumitat Konġunt, jew fin-nuqqas ta' ftehim fil-Kumitat Konġunt fi żmien tlett xhur minn meta l-materja tkun referuta lilu, il-Parti Kontraenti kkonċernata tista tadotta kwalunkwe miżuri ta' salvagward li hi tikkunsidra bħala meħtieġa biex titrattata mad-diffikultajiet serji li jirriżultaw mill-prattiki f'dan il-każ; partikolarment din tista tirtira l-konċessjonijiet tat-tariffa.

(b) F'dak li jirrigwardja l-Artikolu 25, id-diffikultajiet li jinħolqu mis-sitwazzjoni riferuta f'dak l-Artikolu għandhom ikunu riferuti għall-eżami mill-Kumitat Konġunt li jista jieħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa ħalli jitwaqqfu diffikultajiet bħal dawk.

Jekk il-Kumitat Konġunt jew il-Parti Kontraenti li tesporta ma jkunux ħadu deċiżjoni għat-tmiem tad-diffikultajiet fi żmien tletin jum minn meta l-materja tkun ġiet referuta, il-Parti Kontraenti li timporta hija awtorizzata li tintaxxa b'impost kompensatorju fuq il-prodott importat.

L-impost kompensatorju għandu jkun ikkalkolat skond l-inċidenza fuq il-valur ta' l-oġġetti f'dak il-każ tad-disparitajiet tat-tariffa fir-rigward ta' materja prima jew prodotti intermedji inkorporati fihom.

(c) F'dak li jirrigwardja l-Artikolu 26, konsultazzjoni fil-Kumitat Konġunt għandha sseħħ qabel ma l-Parti Kontraenti kkonċernata tieħu l-miżuri xierqa.

(d) Meta ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata joħolqu li l-eżami bil-quddiem ikun impossibbli, il-Parti Kontraenti kkonċernata tista, fis-sitwazzjonijiet speċifikati fl-Artikoli 25, 26 u 27 u wkoll fil-każ ta' għajjniet ta' l-esportazzjoni li jkollhom inċidenza diretta u immedjata fuq il-kummerċ, tapplika minnufih il-miżuri ta' prekawzjoni stretament meħtieġa ħalli tirremedja s-sitwazzjoni.

Artikolu 29

Meta wieħed jew aktar Stati Membri tal-Komunità jew l-Islanda jkun f'diffikultajiet jew ikun serjament mhedded b'diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti, il-Parti Kontraenti kkonċernata tista tieħu l-miżuri meħtieġa ta' salvagward. Hi għandha minnufih tinforma lill-Parti Kontraenti l-oħra.

Artikolu 30

1. Kumitat Konġunt huwa b'dan stabbilit, li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u għandu jassigura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dan l-iskop, hu għandu jagħmel rakkommandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każi li hemm provvediment dwarhom f'dan il-Ftehim. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiddaħħlu b'effett mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tar-regoli tiegħu stess.

2. Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu skambju ta' l-informazzjoni u, fuq it-talba tal-Parti l-oħra, iżommu konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 31

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Komunità, minn naħa l-waħda, u minn rappreżentanti tal-Islanda, minn naħa l-oħra.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi bi qbil reċiproku.

Artikolu 32

1. Kull parti Kontraenti għandha tippresjedi b' sekwenza fuq il-Kumitat Konġunt, bi qbil ma l-arranġamenti li għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli tal-proċedura.

2. Il-President għandu jsejjaħ il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt mill-anqas darba fis-sena sabiex jirrevedi l-funzjonar ġenerali tal-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt għandu, b'żieda, jiltaqa kull meta ċirkostanzi speċjali hekk jeħtieġu, fuq it-talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, b'konformità mal-kondizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli tal-proċedura tiegħu.

3. Il-Kumitat Konġunt jista jiddeċiedi li jistabbilixxi xi korp ta' ħidma li jkun jista jgħinu fit-twettieq tad-doveri tiegħu.

Artikolu 33

1. Meta Parti Kontraenti tikkonsidra li jkun utili fl-interessi komuni taż-żewġ Partijiet Kontraenti li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet stabbiliti bil-Ftehim billi jistenduhom għal oqsma mhux koperti b'dan il-Ftehim, hi għandha tippreżenta talba bir-raġunijiet lejn il-Parti Kontraenti l-oħra.

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jaġhtu struzzjoni lill-Kumitat Konġunt sabiex jeżamina din it-talba u, meta xieraq, sabiex jaġhmel rakkommandazzjonijiet dwarha, partikolarment bil-għan tal-ftuħ tan-negozjati.

2. Il-ftehim li jirriżultaw minn-negozjati riferuti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għal ratifika jew l-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tagħhom.

Artikolu 34

L-Annessi u l-Protokoll ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti ntegrali minnu.

Artikolu 35

Kwalunkwe Parti Kontraenti tista tiddeunzja l-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra. Il-Ftehim għandu jieqaf milli jkun effettiv tnaħ –il xahar wara d-data ta' notifika bħal din.

Artikolu 36

Dan il-Ftehim għandu jkun applikabbli, minn naħa l-waħda, għat-territorji li fihom it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea huwa applikat permezz tat-termini stabbiliti f'dak it-Trattat u, minn naħa l-oħra, fit-territorju tar-Repubblika ta' l-Islanda.

Artikolu 37

Dan il-Ftehim huwa mħejji f'żewġ kopji, fil-lingwi Daniż, Olandiż, Inġliż, Franċiż, Ġermaniż, Islandiż, Taljan, u Norveġiż, kull wieħed minn dawn it-testi jkunu egwalment awtentiċi.

Dan il-Ftehim għandu jkun approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tagħhom stess.

Dan għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1973 basta li l-Partijiet Kontraenti jkunu nnotifikaw lill-xulxin qabel dik id-data li l-proċeduri meħtieġa għal dak l-iskop ikunu twettqu.

Wara din id-data, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar li jiġi wara notifika bħal dik. Id-data finali ta' notifika bħal dik għandha tkun it-30 ta' Novembru 1973.

Id-dispożizzjonijiet applikabbli fl-1 ta' April 1973 għandhom ikunu applikati mad-dħul b'effett ta' dan il-Ftehim jekk dan jidħol fis-seħħ wara dik id-data.

Magħmul fi Brussel, dan it-tnejn-u-għoxrin jum ta' Lulju tas-sena elf disa mija u tnejn-u-sebgħin.

Udfærdiget i Bruxelles den seksogtyvende Novembru nitten hundrede og treoghalvfems.

Geschehen zu Brussel am fünfzehnten Mai neunzehnhundertsiebenundneunzig.

Done at Brussels on this twenty-second day of July in the year one thousand nine hundred and seventy-two.

Fait à Bruxelles, le vingt-deux juillet mil neuf cent soixante-douze.

Fatto a Bruxelles, il ventidue luglio millenovecen settantadue.

Gedaan te Brussel, de tweeëntwintigste juli negentienhonderdtweeënzeventig.

Utferdiget i Brussel, tjueandre juli nitten hundre og syttito.

Gjört i Bruxelles, tuttugasta og annan dag júlímánaðar nítjánhundrað sjötíu og tvö.

F'isem il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej

På Rådet for De europæiske Fællesskabers vegne

Im Namen des Rates der Europäischen Gemeinschaften


In the name of the Council of the European Communities

Au nom du Conseil des Communautés européennes

A nome del Consiglio delle Comunità Europee


Namens de Raad van de Europese Gemeenschappen

For Rådet for De Europeiske Fællesskap



E. P. Willmann

Fyrir hönd Lýðveldisins Íslands



ANNEX I

Lista ta' prodotti msemija fl-Artikolu 2 tal-Ftehim

Nomenklatura ta' Brusse Intestatatura Nru	Deskrizzjoni
35.02	Albumini, albuminati u derivattivi oħrajn ta' l-albumini: A. Albumini: II. oħrajn: (a) Ovalbumina u lattalbumina: 1. imqadda (per eżempju, ffolji, qxur, frak, trab) 2. oħrajn
45.01	Sufra naturali, mhux maħduma, misħuqa, imfarrka jew mitħuna; ħela tas-sufra
54.01	Kittien, naturali jew ipproċessar imma mhux magħżul: stoppa tal-kittien u skart (inklużi ċ-ċraret miġbuda jew garnati)
57.01	Qanneb veru ('Cannabis sativa'), naturali jew ipproċessar imma mhux magħżul: stoppa tal-qanneb veru u skart (inklużi ċ-ċraret miġbuda jew garnati jew ħbula)

ANNEX II

Dazji doganali ta' natura fiskali mħejjija fl-1 ta' April 1972

Tariffa Doganali Isandiza – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
25.01	Melħ komuni (inkluż il-melħ mill-blat, melħ tal-baħar u melħ tal-mejda), klorid tas-sodju pur; likuri tal-melħ, ilma baħar:	
01	Melħ komuni (il-melħ mill-blat. Melħ tal-baħar u melħ tal-mejda), f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 5 kg jew anqas	5
09	Oħrajn 1 000 kg	1 lkr
25.02.00	Piriti tal-ħadid mhux mixwija	10
25.03.00	Kubrit tat-tipi kollha, apparti milli l-kubrit bil-gir, kubrit preċipitat u kubrit kollodjali	10
25.04.00	Graffit naturali	20
25.05.00	Ramel naturali tat-tipi kollha, sew jekk ikkulurit u anki jek le, apparti milli ir-ramel li jkun fiħ il-metall li jidħol taħt l-intestatura No 26.01	15
25.06.00	Quartz (apparti milli ramel naturali); quartzit, inkluż il-quartzit mhux aktar mahrum milli maqsum tad-daqqa, mogħti kemm xejn għamla kwadra jew ikkwadrat fis-serrar	20
25.07.00	Tafal (per eżempji kaolin u bentonit), andalusit, kjanit u sillimanit, sew jekk kalċinat u anki jekk le, imma mhux tafal espadut li jidħol fl-intestatura Nru 68.07; mullit; xamort u t-trabijiet dinas	15
25.08.00	Ġibs	20
25.09.00	Kuluri minn trabijiet naturali, sew jekk kalċinati u anki jekk le jew imħallta flimkien, ossidi naturali tal-ħadid mikaċeju	20
25.10	Fosfati naturali tal-kalċju, fosfati naturali ta' l-aluminju kalċifinat, apatit u ġibs fosfatiku	
09	Oħrajn	20
25.11.00	Sulfat naturali tal-barju (bariti); karbonat naturali tal-barju (whiterite), sew jekk kalċinat u anki jekk le, apparti milli l-ossidu tal-barju	20
25.12	Trabijiet infusorjali, tagħsida ta' fossili silikiċi u tagħsidiet fossiliċi silikiċi simili u trabijiet silikiċi simili (per eżempju, kieselgur, tripolit jew dolomit), sew jekk kalċinat u anki jekk le, ta' gravità speċifika apparenti ta' 1 jew anqas:	
09	Oħrajn	20
25.13.00	Ġebel tal-ħaffiefa, <i>emery</i> , korundum naturali, garnet naturali u abbrezzivi naturali oħrajn, sew jekk ittrattati bis-sħana u anki jekk le	20
25.14.00	Lavanja, inkluża l-lavanja mhux aktar maħduma milli maqsuma mad-daqa, kemm xejn ikkwadrata jew ikkwadrata fis-serrar	20

Tariffa Doganali Isandġa – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
25.15.00	Irħam, travertine, ewkassin u ġebel tal-bini ieħor monumentali tat-tip kalkariku ta' gravità speċifika apparenti ta' 2,5 jew aktar u alabastru, inklużi tali ġebel mhux aktar maħdum milli maqsum mad-daqqa, kemm xejn ikkwadrat jew ikkwadrat bis-serrar.	20
25.16.00	Granit, prorfiril, basalt, ġebli tal-franka, u ġebel tal-bini monumentali ieħor, inklużi tali ġebel mhux aktar maħdum milli maqsum mad-daqqa, kemm xejn ikkwadrat jew ikkwadrat bis-serrar.	20
25.17.00	Ĉaġhaq u ġebel misħuq jew imfarrak (sew jekk ittrattat bis-sahana u anki jekk le), xaħx, makadan u macadam bil-qatran, tat-tip normalment użat għall-aggregati tal-konkrit, għal metalizzar tat-toroq jew għall-binarji tal-ferroviji jew bħala saborra; żnied u żrar, sew jekk ittrattat bis-sħana u anki jekk le; granuli u frak (sew jekk ittrattat bis-sħana u anki jekk le) ta' ġebel li jidħol fi ħdan l-intestatura Nru 25.15 jew 25.16	20
25.18.00	Dolomit, sew jekk kalcifinat u anki jekk le, inkluż id-dolimit mhuix aktar maħdum milli masum mad-daqqa, kemm xejn ikkwadrat jew ikkwadrat bis-serrar; dolomit agglomerat (inkluż id-dolomit bil-qatran)	20
25.19.00	Karbonat tal-manjeżju naturali (magnasit), sew jekk kalcifikat u anki jekk le, appartu milli l-ossidu tal-manjeżju.	20
25.20	Gypsum, anidrit, gypsum kalċinat, u tikħil bil-bażi tas-sulfat tal-kalċju, sew jekk ikkulutit u anki jekk le, imma ma jinkludix it-tikħil speċifikament ippreparat għall-użu fid-dentistrija:	
01	Gypsum, mhux maħdum, sew jekk misħuq u anki jekk le	10
09	Oħrajn	20
25.21	Fluss tal-ġebel tal-ġir u ġebel kalacarinat, normalment użat għall-manifattura tal-ġir u s-siment	
09	Oħrajn	20
25.22.00	Ġir ħaj, ġir taċ-ċnisa u ġir irdawliku, appartu milli l-ossidu tal-kalċju u l-idrossidu	20
25.24.00	Asbestos	20
25.25.00	Meerschaum (sew jekk fi bċejeċ illustrati u anki jekk le) u ambru; meerschaum agglomerat u ambru agglomerat, fi pjanċi, virgi, staneg jew għamliet simili mhux aktar maħdum wara l-iffurmar; ġett	20
25.26.00	Mika, inklużi l-qsim; skart tal-mika	20
25.27.00	Steatit naturali, inkluż l-isteatit naturali mhux aktar maħdum milli maqsum mad-daqqa, kemm xejn ikkwadrat jew ikkwadrat bis-serrar	20
25.28.00	Krijolit naturali u kjolit naturali	20
25.29.00	Sulfidi naturali ta' l-arseniku	20
25.30.00	Borati krudi naturali u koncentri tagħhom (kalcifinati jew le), imma li ma jinkludux il-borati separati minn salmura naturali; aċidu boriku krud naturali li jkun fih mhux aktar minn 85 fil-mijja ta' H ₃ BO ₃ ikkalkolat fuq il-piż xott	20

Tariffa Doganali Isandiża – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
25.31.00	Felspar, lewċit, nefelin u sjenit tan-nefelin; <i>fluorspar</i>	20
25.32.00	Strontjanit (sew jekk kalċinat u anki jekk le), apparti milli l-ossidi tat-strontju; sustanzi tal-minerali li ma humiex x'imikien ieħor speċifikati jew inklużi; fuħħar imfarrak	20
26.01	Minerali metalliċi u konċentrati u piriti mixwija tal-ħadid	
81	Minerali tal-ħadid u konċentrati (apparti minn piriti mixwija tal-ħadid)	10
82	Piriti mixwija tal-ħadid	10
83	Minerali tar-ram u konċentrati	10
84	Minerali tan-nikel u konċentrati	10
85	Minerali tal-bawksit u konċentrati	10
86	Minerali taċ-ċomb u konċentrati	10
87	Minerali taż-żingu u konċentrati	10
88	Minerali tal-landa u konċentrati	10
89	Minerali tal-manganiż u konċentrati	10
91	Minerali tal-kromju u konċentrati	10
92	Minerali tat-tungsen u konċentrati	10
93	Minerali u konċentrati tat-titanju, vanadju, molybdenum. Tantalju u żirkonju	10
94	Minerali ta' metalli bażiċi u konċentrati (apparti milli dawġ li jidħlu fi ħdan l-intestatura Nru 26.01.81 sa 26.01.93 u Nru 26.01.96)	10
95	Minerali u konċentrati tal-fidda, platinum u metalli oħrajn tal-grupp tal-platinum	10
96	Minerali u konċentrati ta' l-uranju u t-torju	10
97	Minerali tad-deheb	10
26.02.00	Gagazza, ħmieġ tal-metalli, qxur u fdal ieħor simili mill-manifatturar tal-ħadid jew l-azzar	10
26.03.00	Irmied u fdal (mhux tal-manifatturar tal-ħadid jew azzar) li fih metalli jew komposti tal-metall.	10
26.04.00	Gagazza u rmied ieħor, fosthom ħaxix tal-baħar niexef	10
27.01	Faħam, briquettes, ovojdi u karburanti solidi simili manifatturati mil-faħam:	
10	Faħam	1 000 kg 2 lkr
20	Briquettes tal-faħam u karburanti solidi simili manifatturati mil-faħam	1 000 kg 2 lkr
27.02.00	Lignit, sew jekk jew le agglomerat	1 000 kg 2 lkr
27.03.00	Ċappa (inkluż il-ħmieġ taċ-ċappa) sew jekk jew le agglomerat	1 000 kg 2 lkr
27.04.00	Kokk u nofs-kokk tal-faħam, tal-lignit jew taċ-ċappa	1 000 kg 2 lkr
27.05.00	Karbonju tar-retort	1 000 kg 2 lkr

Tariffa Doganali Isandġa – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
27.06	Qatran iddistillat mill-faħam, mil-lignit jew miċ-ċapp, u qatran minerali ieħor, inkluż il-qatran parzjalment distillat u taħlitiet taż-żift maż-żjut tal-kreosit jew mal-prodotti oħrajn tad-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam:	
01	Qatran tax-xbieki u simili għall-manifattura tax-xbieki, suġġett għall-konformità mad-definizzjoni u d-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi	2
09	Oħrajn	20
27.07.00	Żjut u prodotti oħrajn tad-distillazzjoni f'temperatura għolja tal-qatran tal-faħam; żjut u prodotti oħrajn kif definiti fin-Nota 2 ta' dan il-Kapitolu	15
27.08	Żift u kokk taż-żift, akkwistat mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali ieħor:	
10	Żift	20
20	Kokk taż-żift	20
27.09.00	Żjut tal-petroleum u żjut akkwistati minn minerali bituminużi, krudi	100 kg 35 au.
27.10	Żjut tal-petroleum u żjut akkwistati minn minerali bituminużi, appartati mill-krudi; preparazzjonijiet li ma humiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi, li jkun fihom mhux anqas minn 70 fil-mija bil-piż ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut akkwistati minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut ikunu il-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet:	
10	Petroleum, parzjalment raffinat, inklużi krudi bir-ras	100 kg 35 au.
	Spirtu tal-muturi:	
21	Spirtu tal-muturi għall-ajruplani	15
29	Spirtu tal-muturi, ieħor	50
27.10	Kerosene (inkluż il-karburanti tal-ġejjijiet) u spirtu abjad:	
31	Kerosene raffinat bħala karburanti għal-lampi (pitrolju)	15
32	Karburanti tal-ġettijiet	15
33	Spirtu abjad	15
39	Oħrajn	15
40	Distillat tal-karburanti	100 kg 35 au.
50	Żjut karburanti mill-iskart	100 kg 35 au.
60	Żjut lubrikanti u l-grease	2
	Oħrajn:	
71	Materjali imopregnati għall-apparat tas-sajd	2
72	Materjali ta' kontra s-sadid u żejt ta' kontra s-sadid	20
79	Oħrajn	10
27.11	Gassijiet tal-petroleum u karboidrati gasużi oħrajn:	
01	Gassijiet għall-użu bħala karburanti, u għal-lampi	2
09	Oħrajn	20
27.12.00	Ġelatina tal-petroleum	20

Tariffa Doganali Isandiża – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
27.13.00	Xama' tal-pitrolju, xama' mikro-kristallina, xama' taċ-ċnisa, ożokerit, xama' tal-lignit, xama' taċ-ċappa u xamgħat minerali oħrajn, sew jekk bil-kulur u anki jekk le	15
27.14	Qatran tal-petroleum, kokk tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjun tal-petroleum jew taż-żjut akkwistati minn minerali bituminużi:	
10	Kokk tal-petroleum	20
20	Oħrajn	20
27.15.00	Qatran u asfalt, naturali, nafta bituminuża, blat ta' l-asfalt u ramel tal-qatran	35
27.16.00	Taħlitiet bituminużi ibażati fuq asfalt naturali, fuq bitumenu naturali, jew bitumenu tal-petroleum, fuq atran minerali jew żift tal-qatran minerali (per eżempju, mastiċi bituminużi, tnaqqis)	35
27.17.00	Kurrent elettriku	2
28.01	Aloġeni (flworin, klorin, bromin u jodju):	
10	Klorin	18
20	Oħrajn	18
28.02.00	Kubrit, sublimat jew preċipitat; kubrit kollodjali	18
28.03.00	Karbonju, inkluż l-iswed tal-karbonju, l-iswed antrakini, l-iswed aċetilin u l-iswed tal-lampi	18
28.04	Idoġenu, gassijiet rari u metalli naturali rari, u oħrajn mhux metalliċi:	
20	Nidroġenu	18
30	Idroġenu u gassijiet rari	7
40	Oħrajn	18
28.05	Alkali, trabijiet alkalini u metalli naturali rari; ittrium u skandjum; merkurju:	
10	Merkurju	18
20	Oħrajn	18
28.06.00	Aċidu idrokloriku u aċidu klorosulfoniku	18
28.07.00	Diossidu tal-kubrit	18
28.08.00	Aċidu sulfuriku; oleum	10
28.09.00	Aċidu nitriku; aċidi sulforoniċi	18
28.10.00	Pentossidu fosforiku u aċidi fosforiċi (meta-, orto-, u piro-)	18
28.11.00	Triossidu ta' l-arseniku, pentossidu ta' l-arseniku u aċidi arseniċi	18
28.12.00	Ossidu boriku u aċidu boriku	18

Tariffa Doganali Isandġa – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
28.13	Āċidi inorganiċi oħrajn u komposti ta' l-ossiġenu ta' mhux-metalli (eskluż l-ilma):	
01	Diossidu tal-karbonju	18
09	Oħrajn	18
28.14.00	Hallidi, ossihallidi u komposti aloġenizzati oħrajn ta' mhux-metalli	18
28.15.00	Sulfidi ta' mhux-metalli, trisulfid tal-fosfru	18
28.16.00	Ammonja, anidrija jew f'soluzzjoni akweja	18
28.17	Idrossidu tas-sodju (soda kawstika – soder); idrossidu tal-putassa (potassa kawstika); perossidi tas-sodju jew tal-putassa:	
10	Idrossidu tas-sodju (soda kawstika – soder)	10
	Oħrajn:	
21	Idrossidu tal-putassa	10
29	Perossidi tas-sodju jew tal-putassa	18
28.18.00	Ossidi, idrossidi u perossidi, ta' strontzju, barju jew manjeżju	18
28.19.00	Ossidu taż-żingu u perossidu taż-żingu	18
28.20	Ossidu u idrossidu ta' l-aluminju, korundum artifiċjali:	
10	Ossidu u idrossidu ta' l-aluminju	18
20	Korundum artifiċjali	18
28.21.00	Ossidi u idrossidi tal-koromju	18
28.22.00	Ossidi tal-manganiż	18
28.23.00	Ossidi u idrossidi tal-ħadid; kuluri minn trabijiet naturali li jkun fihom 70 % jew aktar bil-piż ta' ħadid magħqud evalwat bħala Fe_2O_3	18
28.24.00	Ossidi u idrossidi tal-kobalt	18
28.25.00	Ossidi tat-titanjum	15
28.26.00	Ossidi tal-landa (ossidu stannjuż u osidu stanniku)	18
28.27.00	Ossidi taċ-ċomb; ċomb aħmar u ċomb oranġjo	18
28.28.00	Idrażin u idroxilamin u l-imluħa inorganicċi tagħhom; bażi inorganicċi oħrajn u ossidi, idrossidi u perossidi metalliċi	18
28.29.00	Floridi; flworosilikati, flworoborati u l-imluħa l-oħrajn kompleks tal-flworin tagħhom	18
28.30	Kloridi u ossikloridi:	
01	Klorid tal-kalċju	10
09	Oħrajn	14

Tariffa Doganali Isandiża – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
28.31.00	Kloriti u ipokloriti	18
28.32.00	Kloriti u perkloriti	18
28.33.00	Bromidi, ossibromidi. Bromati u perbromati, u ipobromiti	18
28.34.00	Jodidi, ossijodidi, jodati u perjodati	18
28.35.00	Sulfidi; polisulfidi	18
28.36.00	Ditjoniti, inklużi dawk stabbiliti b'sustanzi organiċi; sulfo-ossilati	18
28.37.00	Sulfiti u tiosulfati	18
28.38.00	Sulfati (inklużi l-alum) u persulfati	18
28.39	Nitriti u nitrati:	
01	Nitrat tas-sodju	10
09	Oħrajn	18
28.40.00	Fosfiti, ipofosfiti u fosfati	18
28.41.00	Arseniti u arsenate	18
28.42	Karbonati u perkarbonati; karbonat ta' l-ammonju kummerċjali li jkun fiha il-karbonat ta' l-ammonjum:	
10	Karbonat newtrali tas-sodju	10
20	Oħrajn	18
28.43.00	Sijanidi u sijanidi kompleks	18
28.44.00	Fulminati, sijanati u tiosijanati	18
28.45.00	Silikati; soġu kummerċjali u silikati tal-putassa	18
28.46.00	Borati u perborati	18
28.47.00	Imluħa ta' l-aċidi metalliċi (per eżempju, kromati, permangenati, stannati)	18
28.48.00	Imluħa oħrajn u perossi-mluħa ta' l-aċidi inorganiċi, imma li ma jinkludux l-ażidi	18
28.49.00	Metalli prezjużi kollodjali; amalgami ta' metalli prezjużi; imluħa u komponenti oħrajn, inorganiċi jew organiċi, ta' metalli prezjużi, inklużi l-albuminati, l-protejnati, it-tannini u komposti simili, sew jekk kemikament definiti u anki jekk le	18
28.50.00	Elementi u iżotopi kimiċi fissili; elementi kemikali radjo-attivi oħrajn u iżotopi radjo-attivi; komposti, inorganiċi jew organiċi, ta' tali elementi jew iżotopi, sew jekk kemikament definiti u anki jekk le; liegi, dispersionijiet u ċermeti ta' kwalunkwe minn dawn l-elementi, iżotopi jew komposti	18

Tariffa Doganali Isandċza – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
28.51.00	L-iżotopi u l-komposti tagħhom, inorganiċi jew organiċi, kemm jekk kimikament definiti jew le, apparti milli l-iżotopi u l-komposti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 28.50	18
28.52.00	Il-komposti, inorganiċi jew organiċi, tat-torju, ta' l-uranju mnaqqas għall-U235, tal-metalli rari ta' l-art, ta' l-ittriju jew ta' l-iskandju, kemm jekk imħallta flimkien jew le	18
28.53.00	L-arja likwida (kemm jekk il-gassijiet rari tneħħew jew le); l-arja ikkompessata	18
28.54.00	Il-perossidu ta' l-idroġenu (inkluż il-perossidu ta' l-idroġenu solidu)	18
28.55.00	Il-phosphides	18
28.56	Il-karbur (per eżempju, il-karbur tas-silikon, il-karbur tal-boron, il-karbur metalliċi):	
10	Il-karbur tal-kalċju	18
20	Oħrajn	18
28.57.00	L-idruri, it-taħlitiet tan-nitroġenu u elementi aktar elettropozittivi u l-azides, u s-silicides u l-borides	18
28.58.00	Il-komposti inorganiċi oħra (inkluż l-ilma ddisstillat u tal-konduttività u l-ilma ta' purità simili); l-amalgami, apparti milli l-amalgami tal-metalli prezzjużi	18
29.01	L-idrokarburi:	
10	L-istirene	18
	Oħrajn	
22	L-idrokarburi aromatiċi, apparti milli l-istirene, suġġetti għall-konformità mad-definizzjoni u d-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi	15
29	Oħrajn	18
29.02.00	Id-derivattivi aloġenati ta' l-idrokarburi	18
29.03.00	Id-derivattivi ta' l-idrokarburi ssulfonati, mħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.04	L-alkoħoliċi aċilici u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	
10	Il-metanol (l-alkoħol metil)	18
	Oħrajn:	
21	L-alkoħol etilniku (l-aġent kontra l-iffriżar)	35
29	Oħrajn	18
29.05.00	L-alkoħoliċi ċikliċi u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.06.00	Il-fenoli u l-alkoħoliċi tal-fenoli	18
29.07.00	Id-derivattivi aloġenati, ssulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku ta' fenoli jew alkoħoliċi tal-fenoli	18

Tariffa Doganali Isandiża – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
29.08.00	L-eteri, l-alkoħoliċi ta' l-eteru, il-fenoli ta' l-eteru, il-perossidi ta' l-alkoħol u l-perossidi ta' l-eteru, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.09.00	L-epossidi, l-alkoħoliċi epossidi, il-fenoli epossidi u l-eteri epossidi, b'ċirku ta' tlieta jew erba' membri, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	14
29.10.00	Il-klassi tat-taħlitiet organiċi fformati bil-kondensazzjoni ta' żewġ molekuli ta' l-alkoħol ma' molekula aldeide u n-nofsijiet ta' dawn it-taħlitiet jew dawn it-taħlitiet jew in-nofsijiet tagħhom waħedhom jew kumplessi li jiffunzjonaw bl-ossiġenu u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.11	L-aldeidi, l-alkoħoliċi ta' l-aldeidi, l-eteri ta' l-aldeidi, il-fenoli ta' l-aldeidi u l-aldeidi l-oħra waħedhom jew kumplessi li jiffunzjonaw bl-ossiġenu:	
01	Il-formaldehide u l-formalina	10
09	Oħrajn	18
29.12.00	Id-derivattivi issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 29.11	18
29.13.00	Il-keġoni, l-alkoħoliċi tal-keġon, il-fenoli tal-keġon, l-aldeidi tal-keġon, il-kinoni, l-alkoħoliċi tal-kinone, il-fenoli tal-kinone, l-aldeidi tal-kinone u keġoni u kinoni oħrajn waħedhom jew kumplessi li jiffunzjonaw bl-ossiġenu u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.14	Il-monoaċidi u l-anidridi tagħhom, l-alidi ta' l-aċidu, il-perossidi u l-peracids ta' l-aċidu, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku:	
01	L-aċidu aċetiku u l-melħ, l-esteri u l-andreidi tiegħu	18
09	Oħrajn	18
29.15.00	Il-poliaċidi u l-anidridi tagħhom, l-alidi ta' l-aċidu, il-perossidi u l-peracids ta' l-aċidu u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.16.00	L-aċidi ta' l-alkoħol, l-aldeidi ta' l-alkoħol, l-aċidi tal-keġone, l-aċidi tal-fenol, u l-aċidi l-oħra waħedhom jew kumplessi li jiffunzjonaw bl-ossiġenu, u l-anidridi, l-alidi ta' l-aċidu, il-perossidi u l-peracids tagħhom u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.17.00	L-esteri sulfuriċi u l-melħ tagħhom, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.18.00	L-esteri nitrużi u nitriċi, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.19.00	L-esteri fosforiċi u l-melħ tagħhom, inklużi l-fosfati tal-ħalib, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.20.00	L-esteri karboniċi u l-melħ tagħhom, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18
29.21.00	L-esteri l-oħra ta' l-aċidi minerali (esklużi l-alidi) u l-melħ tagħhom, u d-derivattivi tagħhom aloġenati, issulfonati, imħallta bl-aċidu nitriku, jew magħmula mill-aċidu nitriku	18

Tariffa Doganali Isandġa – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
29.22.00	Il-komposti li jiffunzjonaw bl-ammina	18
29.23.00	Il-komposti ta' l-ammina waħedhom jew kumplessi li jiffunzjonaw bl-ossġnu	18
29.24.00	Il-melħ u l-idrossidi; il-leċitini u il-phosphoaminolipins	18
29.25.00	Il-komposti li jiffunzjonaw bl-amid	18
29.26.00	Il-komposti li jiffunzjonaw bl-imide u l-komposti li jiffunzjonaw bl-imine	18
29.27.00	Il-komposti li jiffunzjonaw bit-taħlita organika tar-radikal alkil mar-radikal ċjanur	18
29.28.00	Il-komposti tad- <i>dialo</i> -, l- <i>azo</i> - u l- <i>azoxy</i>	18
29.29.00	Id-derivattivi organiċi, l-idrażin jew ta' l-ammina idroksil	18
29.30.00	Il-komposti bil-funzjonijiet l-oħra tan-nitroġenu	18
29.31.00	Il-komposti organiċi tal-kubrit	18
29.32.00	Il-komposti organiċi ta' l-arseniku	18
29.33.00	Il-komposti organiċi tal-merkurju	18
29.34.00	Il-komposti l-oħra organiċi inorganiċi	18
29.35.00	Il-komposti eteroċikliċi; l-aċidi nuklejiċi	18
29.36.00	Is-sulfonamidi	18
29.37.00	Is-sultones u s-sultams	18
29.38.00	Il-provitamini u l-vitamini, naturali jew riprodotti bis-sintesi (inklużi l-konċentrati naturali), id-derivattivi tagħhom użati primarjament bħala vitamini, u t-taħlitiet ta' dawn ta' qabel, kemm jekk fxi solvent jew le	18
29.39.00	L-ormoni, naturali jew riprodotti bis-sintesi, u d-derivattivi tagħhom, użati primarjament bħala ormoni; l-isterojdi l-oħra użati primarjament bħala ormoni	18
29.40	L-enzimi:	
01	It-tames	10
09	Oħrajn	18
29.41.00	Il- <i>glycosides</i> , naturali jew riprodotti bis-sintesi, u l-melħ tagħhom, l-eteri, l-esteri u d-derivattivi l-oħra	18
29.42.00	L-alkalojdi tal-ħaxix, naturali jew riprodotti bis-sintesi, u l-melħ tagħhom, l-eteri, l-esteri u d-derivattivi l-oħra	18

Tariffa Doganali Isandiża – Intestatura Nru	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju - %
29.43.00	Iz-zokkor, kimikament pur, appart mill is-sukrosju, il-glukosju u l-lattosju; l-eteri taz-zokkor u l-esteri taz-zokkor, u l-melħ tagħhom, appart mill l-prodotti ta' l-intestaturi Nru 29.39, 29.41 u 29.42	18
29.44.00	L-anti-bijotiċi	10
29.45.00	Il-komposti l-oħra organiċi	18
30.01.00	Il-glandoli organiċi terapewtiċi u l-organi l-oħra, imnixxa, kemm jekk magħmula fit-terra jew le; l-estratti organiċi terapewtiċi tal-glandoli jew l-organi oħra jew mit-tnixxija tagħhom; is-sostanzi l-oħra ta' l-annimali ppreparati għall-użu terapewtiku jew profilattiku, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor	15
30.02.00	L-antiseri; il-vaċċin mikrobiku, it-tossini, gruppi ta' mikrobi (inklużi dawħ li jiffermentaw imma eskluża l-ħmira) u l-prodotti simili	15
30.03	Id-duwa (inklużi d-duwa veterinarja):	
01	Il-ħelu immedikat	70
09	Oħrajn	15
